MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 334/2006

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-13 ta’ Ottubru, 2006 li permezz tiegħu A jgħid u jikkonferma bil-ġurament:

1. Illi bejn il-partijiet kien hemm sentenza ta’ separazzjoni personali mogħtija fil-25 ta’ Ottubru, 1995 fuq Ċit Nru 977/93.

2. Illi b'dik is-sentenza l-esponenti kien ikkundannat li jħallas lil martu Lm50 fix-xahar, u Lm40 fix-xahar għall-minuri bintu.

3. Illi llum bintu minuri għandha 22 sena.

4. Illi martu *ex admissis* ikkommettiet adulterju b'mod palesi, u aggravat ukoll bil-fatt li mir-relazzjoni tagħha hemm minuri li għandha definittivament aktar minn ħames snin.

5. Illi dan l-aħħar B għamlitlu kwerela ħalli jgħaddilha l-manteniment.

6. Illi tali manteniment mhux aktar dovut għaliex il-konsegwenza tal-adulterju huwa d-dekadenza mill-istess, u bintu m'għadhiex aktar minuri. Illi minħabba din il-kwerela, hu ġie inġustament imwaħħal xahrejn ħabs.

7. Għalhekk kellha ssir din il-kawża u tintalab l-urġenza.

**Kawzali:**

Li l-partijiet kellhom sentenza ta' separazzjoni personali pronunzjata mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ottubru, 1995 (Ċit. Nru. 977/93), f'liema sentenza l-attur odjern ġie kundannat iħallas lil martu Lm50 fix-xahar manteniment u Lm40 fix-xahar għal bintu minuri X, li llum għandha 22 sena;

Li tali sentenza ma esimitx lill-konvenuta mill-operat tal-Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili, u li d-dritt tagħha għall-manteniment kien subordinat għall-obbligi tal-liġi u cioe' li ma tkunx ħatja ta' adulterju;

Li l-konvenuta *ex admissis* mhux biss ikkommettiet adulterju imma kellha wkoll wild ieħor.

Li għalhekk ma hemmx raġuni għala l-attur jibqa' obbligat imantni lil martu stante l-adulterju tagħha, u lil bintu stante li m'għadhiex minuri.

**Talbiet:**

Jingħad għalhekk mill-konvenuta għala din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex;

(1) tiddikjara lill-konvenuta dekaduta mill-jedd ta' manteniment kontra l-attur, u għalhekk tirrevoka u tħassar il-kundanna kontra l-attur għall-manteniment ordnat bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Ottubru, 1995 fl-ismijiet inversi, u dan għar-raġunijiet premessi, u dan b'effett għal dak li jirrigwarda lill-konvenuta mid-data tat-twelid tat-tarbija li kellha barra ż-żwieġ, u għal dak li jirrigwara lil X mid-data meta din saret maġġorenni.

1. Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fis-6 ta' Novembru, 2006 li permezz tagħha B esponiet bir-rispett u eċċepiet:

1. Illi r-rikorrenti ma jistax jinqeda bi proċeduri bħal dawn sabiex jipprova jbiddel sentenza definittiva li minnha hu ma kienx interpona appell minnha;

2. Illi ma kien hemm ebda bdil fiċ-ċirkustanza mid-data tas-sentenza 'il quddiem;

3. Illi l-esponenti għandha bżonn il-manteniment stante li hi ma taħdimx.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet lill-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006 illi permezz tiegħu l-attur talab li l-Qorti tipprovdi skond l-Artikolu 257 tal-Kodiċi tal-Proċedura u li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob it-tħassir ta' l-obligazzjoni tiegħu li jħallas manteniment lill-martu l-konvenuta u lil bintu li kienet minuri permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fil-25 ta' Ottubru, 1995 (Ċit. Nru. 977/93 esebita a fol 13). Huwa qed jagħmel dan fil-konfront tal-konvenuta billi din ikkommettiet adulterju tant li kellha tarbija minn raġel ieħor ftit qabel ma ngħatat is-sentenza msemmija u fir-rigward ta' binthom għaliex illum din hija maġġorenni u qed jitlob li din is-sentenza ikollha effett retroattiv fir-rigward tal-konvenuta minn meta hija kkommettiet adulterju u fir-rigward tat-tifla b'effett minn meta din għalqet it-tmintax il-sena.

Fir-rigward tat-tifla l-Qorti taqbel li l-obbligu tiegħu biex imantniha <u>b'effett tas-sentenza</u> ġie fi tmiemu meta hija għalqet it-tmintax il-sena u dan għaliex hu magħruf illi meta ġenitur jiġi kkundannat iħallas manteniment lill-ġenitur l-ieħor li jkun qed jaġixxi f'isem il-minuri, l-obbligu miftiehem tal-istess genitur jieqaf meta l-minuri isir maġġorenni.

Il-kwistjoni tat-retroattivita' fir-rigward tal-mantentiment lill-konvenuta hija iktar diffiċli legalment. Il-konvenuta ammettiet in kontro-eżami illi hija kellha tarbija mingħand raġel ieħor meta l-partijiet kienu għadhom separati *de facto* u kwindi qabel

il-25 ta’ Ottubru, 1995. Sfortunatament għalih, l-attur lanqas ikkontesta dik il-kawża u baqa’ kontumaċji, ħaġa li fuqha l-Qorti dakinhar ibbjasimatu jekk mhux ikkundannatu. Għalhekk ma kienx f’pożizzjoni illi jqajjem dik li kienet tkun eċċezzjoni effikaċi jekk kien jaf b’dan il-fatt. Oltre dan huwa ħalla snin twal jgħaddu mingħajr ma għamel xejn biex ixejjen dan l-istat ta’ fatt u qagħad jistenna li jigi kkundannat mill-Qorti Kriminali biex jibda dawn il-proċeduri.

Il-Qorti ta’ l-Appell iddiskutiet dan il-punt fil-kawża fl-ismijiet <u>Carmelo Olivari vs Mary Olivari</u> deċiża fit-3 ta’ Ottubru, 1958 u qalet hekk;

“*Huwa magħruf illi sentenza li tistabilixxi l-ħlas ta’ pensjoni alimentari ma tistax tiġi ritenuta mitmuma jew modifikata mingħajr sentenza oħra (cfr XXXV-IV-990)*.”

Għalhekk il-Qorti ma tħossx li tista’ ttemm l-obbligu ta’ l-attur li jħallas manteniment lil martu retro-attivament izda biss b’effett tas-sentenza li qed tagħti llum. Barra minn hekk f’dan il-każ, kieku l-Qorti kellha tħassar l-effett tas-sentenza minn meta ġie kommess l-adulterju tkun qegħda tibdel is-sentenza msemmija; ħaġa li ċertament ma tistax tagħmel għaliex l-uniku mod biex dan isir hu permezz ta’ appell jew ritrattazzjoni.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta salv dak li ntqal u tilqa’ t-talba tar-rikorrent fis-sens li tiddikjara li l-obbligu tiegħu li jħallas manteniment lil martu b’effett tas-sentenza msemmija qed jiġi dikjarat mitmum b’effett mill-lum, u dak li jħallas manteniment lil binthom minuri X jiġi dikjarat mitmum fil-31 ta’ Lulju, 1984. Fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti magħmula fl-aħħar seduta l-Qorti tilqa’ t-talba u ai termini ta’ l-Artikolu 257 tal-Kapitolu 12 tiddikjara din is-sentenza immedjatament esegwibbli; ai termini ta’ l-Artikolu 243 tal-Kapitolu 12 tordna wkoll li t-terminu biex ikun jista’ jsir appell minnha ikun imnaqqas għal erbat ijiem utili.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------